**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 318/05VG**

**John Rizzo**

**Vs**

**Alfred Briffa bhala editur u John Pisani bhala gurnalist mal-gurnal It-Torca**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn John Rizzo fis-27 ta' Mejju 2005 permezz ta' liema jitlob li Alfred Briffa bhala editur u John Pisani bhala gurnalist mal-gurnal It-Torca jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsuh is-somma likwidata mill-Qorti bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li b'artikoli u/jew rapporti ppublikati fil-gurnal It-Torca tat-8 ta' Mejju 2005, esebit flimkien ma' l-Avviz bhala Dok. "JR", huma mmalfamawh bil-ghan li jtellfulu jew jnaqqsulu r-reputazzjoni tieghu, bl-ispejjez kontra l-istess Alfred Briffa u John Pisani;

Rat id-dokument Dok. "JR", ossia l-artikolu intitolat "Tkeccijiet u rizenji mill-korp ... imma kulhadd l-istess?" pubblikat fil-harga tal-gurnal It-Torca tat-8 ta' Mejju 2005, anness ma' l-Avviz a fol. 2 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li l-kitba in kwistjoni fiha biss fatti li jigu pruvati u *value judgement* jew fehmiet, li hu ezercizzju ta' dritt imhares bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006[1], il-konvenuti ddikjaraw li l-kopja a fol.2 tal-process ta' l-artikolu li deher fil-harga tal-gurnal It-Torca fit-8 ta' Mejju 2005 bit-titolu "Tkeccijiet u rizenji mill-korp …… imma kulhadd l-istess?" hija vera kopja ta' l-original u ddikjaraw ukoll li fiz-zmien tal-harga tal-gurnal bl-artikolu in kwistjoni huma kienu l-editur u l-gurnalist kif imharrkin;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur[2], ta' l-Ispettur Mario Tonna[3] u ta' PS 1266 Noel Felice[4] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006 u rat id-dokumenti markati Dok. "MT1" sa' Dok. "MT3" esebiti mill-Ispettur Mario Tonna a fol. 24 sa' 27 tal-process u rat id-dokumenti markati Dok. "NF1" u Dok. "NF2" esebiti minn PS 1266 Noel Felice a fol. 30 u 31 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Kenneth Haber moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2006[5] u rat id-dokumenti markati Dok. "KH1" u Dok. "KH2" esebiti minnu a fol. 35 sa' 39 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Michael Buttigieg[6], David Gatt[7] u Michael Camilleri[8] moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2006 u x-xhieda ta' Ivan Portelli moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2007[9], semghet ix-xhieda tal-konvenut John Pisani moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Mejju 2008[10] u ta' l-14 ta' Jannar 2011[11] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "W" sa' Dok. "Z" a fol. 71 sa' 75 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Aldo Testone ghan-nom tad-Direttur Qrati Civili moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009[12], semghet ix-xhieda tas-Supretendent Dominic Micallef moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2011[13] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "DM1" u Dok. "DM2" a fol. 112 sa' 114 tal-process;

Rat id-Digriet moghti fil-11 ta' Lulju 2011[14] permezz ta' liema l-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti ghall-isfilz tax-xhieda tas-Supretendent Dominic Micallef u tad-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "DM1" u Dok. "DM2";

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Fol. 10 tal-process.
[2] Fol. 11 sa' 20 tal-process.
[3] Fol. 21 sa' 23 tal-process.
[4] Fol. 28 u 29 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 43 sa' 45 tal-process.
[7] Fol. 46 u 47 tal-process.
[8] Fol. 48 u 49 tal-process.
[9] Fol. 56 u 57 tal-process.
[10] Fol. 69 u 70 tal-process.
[11] Fol. 115 tal-process.
[12] Fol. 90 u 91 tal-process.
[13] Fol. 116 u 117 tal-process.
[14] Fol. 121 u 122 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti rispettivament bhala editur u gurnalist tal-gazzetta It-Torca jigu kkundannati jhallsuh somma likwidata minn din il-Qorti bhala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta stante li bl-artikolu intitolat "Tkeccijiet u rizenji mill-korp ...... imma kulhadd l-istess?"[15] pubblikat fil-harga ta' It-Torca tat-8 ta' Mejju 2005, huma immalafamawh bil-ghan li jtellfulu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tieghu. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni li l-kitba in kwistjoni fiha biss fatti li jigu pruvati u *value judgement* jew fehmiet, li hu ezercizzju ta' dritt imhares bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Waqt it-trattazzjoni orali l-konvenuti sottomettew ukoll illi l-attur *per se* ma issemma imkien fl-artikolu in kwistjoni stante li dan l-artikolu kien iktar immirat bhala kritika versu l-Korp tal-Pulizija u mhux versu l-attur innifsu.

Bl-artikolu in kwistjoni qed jigu kkritikati decizjonijiet li ttiehdu, jew ahjar li skont il-konvenut John Pisani ma ttiehdux, minn Ufficjali gholja tal-Korp tal-Pulizija fir-rigward ta' incident li sehh f' Paceville u li fih kien involut Surgent tal-Pulizija meta ma kienx xoghol. Fir-rigward l-artikolu, li huwa intitolat *Tkeccijiet u rizenji mill-Korp ... imma kulhadd l-istess?*, jghid illi *wiehed ghandu jistenna li kulhadd ikun stmat l-istess. Li kulhadd ikun ragel bizzejjed li talli zbalja bhala ufficjal pubbliku ghandu jwarrab jew jitwarrab. Nhar il-Hadd qabel is-6 a.m. kont digà ircevejt zewg telefonati minn membri tal-Korp urtati ghal dak li ghamel Surgent f'Paceville meta ma kienx xoghol. Aktar tard matul il-gurnata t-telefonati ma naqsux u maghhom zdiedu emails, messaggi u ohrajn li gew iffitxuni personalment. Nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta komplew jizdiedu u jistaqsu "ghaliex dan is-Surgent partikolari, iben eks-ufficjal gholi tal-Pulizija u llum b'kariga gholja b'konnessjoni mal-korp, ghadu ma tressaqx il-Qorti fuq dak li allegatament ghamel?". L-ghada l-Erbgha dan is-Surgent flimkien ma' persuna ohra tressqu l-Qorti. L-akkuzi huma serji hafna. Dawk il-hafna l-Pulizija, fosthom anke ufficjali gholjin, stqarrew maghna li wiehed kien jistenna li ma jsiru ebda preferenzi ma' hadd – hu min hu u hu min hu missieru. Forsi l-iskuza hi li dan is-Surgent ghadu innocenti sakemm jinstab hati quddiem il-Qorti. Bir-rispett kollu qalulna dawn il-membri tal-Korp, mhux l-istess imma gara ma' Pulizija ohrajn. Dan ma kienx att izolat ta' dan il-membru tal-Korp u qatt ma ittiedu passi. S'issa gie ordnat jiehu l-leave (forced leave) li jfisser li ma tmurx ghax-xoghol u xorta tithallas il-paga kollhha. Izda nhar il-Hamis, l-ghada li tressaq il-Qorti, ghal xi raguni deher id-Depot. Din mhix kwistjoni personali kontra dan is-Surgent, la minn naha tieghi personali, ghax lanqas biss nafu, wisq aktar mill-kollegi tieghu. Din hija kwistjoni ta' principju. Kwistjoni ta' konsistenza minn naha tal-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Ministru ta' l-Intern responsabbli mill-Korp tal-Pulizija. It-tnejn stqarrew*

[15] Dok. "JR" a fol. 2 tal-proccess.

*pubblikatment bis-serjetà u d-dixxiplina fil-Korp tal-Pulizija. Din hija kwistjoni ta' gustizzja ma' kulhadd indaqs. B'hekk biss kulhadd indaqs. B'hekk biss jikber ir-rispett lejn l-uniformi. ... Huwa fatt li l-moral tal-membri tal-Korp tal-Pulizija huwa inezistenti. Ma nehodhiex b'sorpriza li jkun hemm xi ufficjal gholi fil-Korp li jerga' jakkuzani li bil-kitba tieghi l-Pulizija tbaxxielhom il-morali. Izda naccertah li jekk jerga' jaghmel hekk ikun qiehed jidhak bih innifsu u bil-kumplament tal-Korp. Mill-kumdità ta' l-ufficju l-Korp jidher mod, izda meta tkun fit-triq u tisma' lill-Pulizija f'kull rank imwegghin u mdejqin ghax jafu li l-affarijiet jistghu jkunu ahjar, is-sitwazzjoni tidher ferm differenti. Fl-ahharnett ta' min ifakkar parti zghira mill-kliem li kull Pulizija jghid taht gurament meta jinhatar "... naqdi dmirijiet ta' Ufficjal tal-Pulizija skond il-ligi, minghajr biza' jew favuri, affezzjoni jew xewqat hziena. Hekk Alla jghini.*

Ghalkemm l-attur mhux qed jissemma b'ismu huwa evidenti li l-kritika f'dan l-artikolu hija diretta principlament fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront tal-Korp tal-Pulizija, u dana billi fiz-zmien in kwistjoni kien hu li kien il-Kummissarju tal-Pulizija, fatt dan maghruf pubblikament. In effetti fl-istess artikolu jinghad espressament *din mhix kwistjoni personali kontra dan is-Surgent, la minn naha tieghi personali, ghax lanqas biss nafu, wisq aktar mill-kollegi tieghu.* ***Din hija kwistjoni ta' principju. Kwistjoni ta' konsistenza minn naha tal-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Ministru ta' l-Intern responsabbli mill-Korp tal-Pulizija. It-tnejn stqarrew pubblikatment bis-serjetà u d-dixxiplina fil-Korp tal-Pulizija. Din hija kwistjoni ta' gustizzja ma' kulhadd indaqs. B'hekk biss kulhadd indaqs. B'hekk biss jikber ir-rispett lejn l-uniformi[16].***

Il-messagg li l-konvenuti riedu jwasslu b'dan l-artikolu kjarament huwa li l-attur mexa mas-Surgent imsemmi fl-istess artikolu b'mod differenti, ossia b'mod preferenzjali, milli mexa ma' membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu b'mod jew iehor zbaljaw u dana ghaliex dan is-Surgent kien iben persuna b'kariga gholja fi hdan u in konnessjoni mal-Korp. Bazikament riedu jwasslu l-messagg li minkejja li pubblikament l-attur kien dejjem isemmi s-serjetà u d-dixxiplina fil-Korp fir-realtà huwa jimxi u jagixxi bil-preferenzi u li l-agir tieghu mhux biss jiddemoralizza lill-membri tal-Korp izda addirittura jmur kontra l-gurament li kull ufficjal tal-Pulizija jiehu meta jidhol membru tal-Korp.

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-konvenuti jiggustifikaw il-kontenut u l-messagg imwassal bl-artikolu in kwistjoni in bazi ghall-affermazzjoni li dan l-artikolu fih biss fatti li jistghu jigu ppruvati u huwa *value judgement* u fehmiet, li hu ezercizzju ta' dritt imhares bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Fir-rigward jigi osservat

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

illi ghad li huwa principju assodat in materia illi *whilst the press must not overstep the bounds set, inter alia, for 'the protection of the reputation of ... others', it is nevertheless* ***incumbent on it to impart information and ideas on matters of public interest. Not only does it have the task of imparting such information and ideas: the public also has a right to receive them. Where it otherwise, the press would be unable to play its vital role of 'public watchdog'***[17] – Thorgeir Thorgeirson v. Iceland (Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem - 25 ta' Gunju 1992), huwa daqstant iehor principju assodat in materja li *kumment irid ikun bazat fuq fatti veri u mhux invenzjonijiet – "However, even where a statement amounts to a value judgement,* ***there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive***[18] *(see Jerusalem v. Austria, no. 26858/95, § 43, ECHR 2001 – II)" (Pedersend and Baadsgaard v. Denmark, 49017/99 Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem tas-17 ta' Dicembru 2004). Fuq l-istess linja fis-sentenza Roukanen and Others v. Finland ta' l-4 ta' Ottubru 2010, l-istess qorti qalet – "one factor of particular importance is the distinction between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. A requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part the right secured by Article 10. However, even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether* ***there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive where there is no factual basis to support it***[19] *(see Turhan v. Turkey, no. 48176/99, § 24, 19 May 2005 and Jerusalmen v. Austria no. 26958/95, §43, ECHR 2001-II)*[20].

Minn dawn il-principji johrog car illi biex l-iskuzanti tal-fatti veri tigi sostnuta jehtieg jigi ppruvat li l-fatti kif riportati fl-artikolu kontestat huma effettivament veri u biex l-iskuzanti tal-*vlue judgement* tregi jehtieg jirrizulta li *there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive where there is no factual basis to support it.*

Fil-kaz in ezami l-konvenuti ressqu diversi xhieda, principlament ex-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija[21], li xehedu dwar l-esperjenzi taghhom, li sehhew fiz-zmien meta l-attur kien ghadu mhuwiex il-Kummissarju tal-Pulizija, meta intalbu jaghtu ir-rizenja taghhom u tkeccew mill-Korp jew gew sospizi meta

[17] Enfasi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza citata.
[18] Enfasi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza citata.
[19] Enfasi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza citata.
[20] Dr. Lawrence Gonzi v. Josef Caruana, Appell Civili Nru. 499/10 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu 2017.
[21] Michael Buttigieg li xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2006, a fol. 43 sa' 45 tal-process, David Gatt li xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2006, a fol. 46 u 47 tal-process, Michael Camilleri li xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2006, fol. 48 u 49 tal-process u Ivan Portelli li xehed waqt is-seduta tal-11 ta' April 2007, a fol. 56 u 57 tal-process.

ma rrizenjawx minhabba allegazzjonijiet fil-konfront taghhom ta' kummissjoni jew komplicità fil-kummissjoni ta' reati, u numru ta' artikoli pubblikati f'diversi gazzetti lokali[22] fejn hemm rapportat agir iehor tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward ta' ufficjali tal-Pulizija li ntalbu jirrizenjaw jew tkeccew ghaliex allegatament wettqu reati kriminali, in sostenn ta' l-eccezzjoni taghhom ghat-talba attrici. Nonstante dan kollu però ghalkemm uhud mill-fatti imressqa mill-konvenuti huma ormai fatti dokumentati, u fil-kaz partikolari ta' tnejn mit-tlett xhieda prodotti minnhom miz-zmien li xehedu lil hawn inghata gudizzju ta' *unfair dismissal* mill-Korp tal-Pulizija, fil-fehma tal-Qorti l-artikolu pubblikat fil-harga ta' It-Torca tat-8 ta' Mejju 2005 hawn kontestat mill-attur ma huwiex ghal kollox ibbazat fuq fatti veri u certament ma jistax jinghad li l-istess jikkostitwixxi *value judgement* jew fehmiet.

Mill-provi li tressqu mill-attur, konsistenti dawn fix-xhieda tieghu stess[23] li giet korroborata bix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Tonna[24] u ta' PS 1266 Noel Felice[25] u minn diversi dokumenti esbiti minnhom[26], jirrizulta li fl-1 ta' Mejju 2005 is-Surgent Andrew Kelly kien involut fi glieda gewwa l-club Sabor De Mexico fi Triq il-Wilga, Paceville fir-rigward ta' liema glieda hu, flimkien mat-terz involut, gie arrestat u inzamm hekk arrestat ghal perijodu ta' 48 siegha tul liema l-Pulizija kienu qed imexxu l-investigazzjonijiet taghhom. Ma' l-iskadenza tat-48 siegha, is-Surgent Kelly u t-terz inghataw l-Ordni ta' Voluntary Attendance. L-investigazzjoni konsistenti fil-gbir ta' testimonjanzi u stima minghand sid il-club fir-rigward tal-hsarat kawzati waqt il-glieda, intemmu fit-3 ta' Mejju 2005 u fl-4 ta' Mejju 2005, is-Surgent Kelly flimkien mat-terz involut tressaq il-Qorti b'arrest akkuzat b'diversi akkuzi kriminali. Ghalkemm tul il-perijodu ta' l-investigazzjoni s-Surgent Kelly kien *on forced leave*, b'ittra datata 6 ta' Mejju 2005 huwa gie infurmat illi gie sospiz b'effett mill-4 ta' Mejju 2005 u baqa' hekk sospiz sakemm rega' gie reinstated fil-10 ta' April 2006 wara li gie lliberat mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu[27].

Jirrizulta ghalhekk li l-fatti kif sehhew fir-rigward tas-Surgent Kelly huma differenti minn dak riportat fl-artikolu mertu ta' dawn il-proceduri u certament ma jistax jinghad li l-imsemmi Surgent gie b'mod jew iehor iffavoreggjat mill-attur minhabba l-parentela tieghu ma' persuna b'kariga gholja fi hdan u in konnessjoni mal-Korp tal-Pulizija. Apparte minn hekk, ma tressqet l-ebda prova dak parte tal-konvenuti in sostenn ta' l-asserzjoni fl-artikolu in kwistjoni li *dan ma kienx att izolat ta' dan il-membru tal-Korp* (ossia s-Surgent Kelly) *u qatt ma ittiedu passi.* B'hekk dan l-artikolu ma jistax jitqies *value judgement,* iktar u iktar meta l-fatti riportati mill-konvenut John

[22] Dok. "W" sa' Dok. "Z" a fol. 71 sa' 75 tal-process.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006, fol. 11 sa' 20 tal-process.
[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006, fol. 21 sa' 23 tal-process.
[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006, fol. 28 u 29 tal-process.
[26] Dok. "MT1" sa' Dok. "MT3" a fol. 24 sa' 27 tal-process u Dok. "NF1" u Dok. "NF2" a fol. 30 u 31 tal-process.
[27] Xhieda moghtija mill-Ispettur Kenneth Haber waqt is-seduta tal-11 ta' April 2006, fol. 33 u 34 tal-process.

Pisani dwar il-kaz rigwardanti s-Surgent Kelly setghu, anzi fil-fehma tal-Qorti kellhom, jigu minnu facilment ivverifikati.

L-iskuza li ressaq il-konvenut John Pisani ghal dawn l-inezattezzi bejn dak minnu riportat u dak li effettivament gara, ossia li *nghid ukoll rigwardanti dak li ghidt jien fl-artiklu tieghi li kien hemm surgent li ... ma giex sospiz, dak kien on forced leave.* ***Nixtieq nghid li jiena l-artiklu ktibtu tlett ijiem qabel ma effettivament gie ippublikat. Nghid li meta ktibu jien suppost kien forced leave u mhux sospiz kif gie trattat haddiehor***[28], ma hijiex affattu kredibbli u wisq inqas accettabbli. Jekk imbaghad l-artikolu verament inkiteb diversi jiem ma gie pubblikat, il-konvenuti, il-wiehed *qua* l-gurnalist li kiteb l-artikolu u l-iehor *qua* l-editur li pubblika l-istess artikolu, kellhom id-dover u l-obbligu li jivverifikaw mhux biss l-ezattezza ta' dak riportat fl-artikolu izda anke li l-fatti bejn li nkiteb l-artikolu u li dan gie ippubblikat ma nbidlux b'mod jew iehor. Dan id-dover u obbligu jissussistu dejjem, anke jekk il-materja trattata fl-artikolu in kwistjoni hija ta' interess pubbliku. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Eddie Fenech Adami et v. Joseph Vella et**, deciza fl-1 ta' Frar 1998: *il-ligi taghna mhix injara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippubblikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' 'publish and be damned' qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna.*

In kwantu rigwarda l-likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-attur, l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti dak affermat fir-rigward ta' l-attur fl-artikolu intitolat "Tkeccijiet u rizenji mill-Korp ... imma kulhadd l-istess" pubblikat fil-gurnal It-Torca fil-harga tat-8 ta' Mejju 2005, ossia li l-attur jimxi bil-preferenzi, in vjolazzjoni tal-gurament li kull Ufficjal tal-Pulizija jiehu meta jinghaqad mal-Korp u li l-agir tieghu jiddemorializza lill-membri tal-Korp tal-

[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2008, fol. 69 u 70 tal-proces.

Pulizija, huwa ta' certa gravità u serjetà, il-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dan l-artikolu ghandu jkun fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li l-artikolu intitolat "Tkeccijiet u rizenji mill-Korp ... imma kulhadd l-istess" pubblikat fil-gurnal It-Torca fil-harga tat-8 ta' Mejju 2005, huwa malafamanti fil-konfront ta' l-attur stante li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas r-reputazzjoni tieghu, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €2,000 u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' €2,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**